TAJJEB LI TKUN TAF
Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

SETTEMBRU, 1962. NRU. 2/62.

# IT-TEMPJU T'ISFEL TA' ĦAL TARXIEN (1)



SA minn elf u tmien mitt sena qabel Kristu, minn lanqas, f'Ħal Tarxien, in-nies ta' żmien il-ħaġar bnew għadd ta' tempji. Huma ġew meqrudin minn nies li ġew wara dawk ta' żmien il-ħaġar. Matul il-medda taż-żmien, il-fdalijiet tat-tempji ndifnu taħt it-trab, ir-ramel, il-ġebel u l-ħamrija, sakemm mis-sena 1915 sas-sena 1919 Sir Temi Zammit ħabrek kixifhom għad-dawl tax-xemx.

Il-fdalijiet tat-tempji tidħol għalihom minn mużew żgħir. Tista' l-mużew tħallih għall-aħħar, u tibqa' ħiereġ għal mogħdija li twasslek ħdejn bir ta' żmien il-ħaġar, u biswit il-bir tara wieħed mit-tempji. Hu t-tempju t'isfel. Mhux l-eqdem tempju, iżda minnu jaqbillek tidħol biex tifhem il-bini tat-tempji l-oħra.

F'dan it-tempju l-ewwel ma tolqtok hi l-faċċata tiegħu sabieħa mibnija b'ħaġar kbir. Id-daħla hi f'nofs il-faċċata. Fuq kull naħa tad-daħla hemm il-bank tal-ġebel li jissejjaħ l-esedra tat-tempju. F'kull tarf tal-esedra hemm mejda tal-ġebel. F'dik ta' fuq, tara ħames toqbiet imħaffrin qishom lembut. Fihom aktarx li kienu jqiegħdu ġarar bl-ikel u xorb b'qima lis-sid li ta s-setgħa tat-tnissil u t-tkattir lill-ħlejjaq. Il-mejda turik li min-naħa tagħha ta' wara, u in-ġnub, kellha l-ħitan, u aktarx kienet imsaqqfa. Quddiemha, fl-art, hemm bħal ħawt tal-ġebel. Hu bla qiegħ. Jista' jkun li fih kienu jqiegħdu xi qatta' tal-qamħ.

Il-mejda t'isfel hi mkissra, iżda fiha għadek tista' tara żewġ toqbiet għall-ġarar.

Int u dieħel fit-tempju, fl-art tara żewġ toqbiet jinfdu ma' xulxin u jingħalqu b'tappiera tal-ġebel. Aktarx li fihom kienu jqiegħdu ikel u xorb b'qima lejn il-mejtin.

Il ġewwa minn dawn it-toqob hemm il-għatba tat-tempju. Hi magħmula minn ġebla waħda, twila sittax-il pied u ħoxna tnejn. Il-għatba twasslek għal mogħdija mibnija b'ġebel kbir.

Mal-bidu tal-mogħdija minn barra, fuq kull naħa wara l-esedra, tara l-fdalijiet tal-ħitan li kienu jdawru kemm it-tempju t'isfel u kemm tempji oħrajn. Mat-tarf tal-mogħdija minn ġewwa, fuq kull naħa, jibdew il-ħitan tat-tempju t'isfel.

Fil-mogħdija msaqqfa, bħal f'inħawi oħra tat-tempji li sejjer tara, hemm ġebel magħmul minn siment u ramel. Tqiegħed flok il-ġebel li nstab nieqes jew imkisser.

Ma jistax jonqos li mal-ħitan tad daħla kien hemm toqob jinfdu ma xulxin bħal dawk li tara f'mogħdijiet oħra, u li minnhom kienu jaqflu d-daħliet.

Meta tgħaddi l-mogħdija, tiġi f'bitħa ċċangata. Fiha tara ħawt tal-ġebel, bin-naħa tiegħu t'isfel imnaqqxa b'għadd ta' toqob żgħar mad-dawra kollha. U fejn il-bitħa hi mniżżla, tara ħjiel ta' ħruq qawwi.

Il-bitħa tifred minn xulxin l-ewwel żewġ taqsimiet tat-tempju, u tieħu għal mogħdija oħra li twasslek fl-aħħar taqsimiet. Din il-mogħdija tiġi biswit il-mogħdija tad-daħla għat-tempju.

Meta tkun fil-bitħa tara li t-taqsima ta' fuq idek ix-xellugija għandha esedra sabiħa tassew. Hi mnaqqxa bl-ispirali. Id-daħla għal din t-taqsima hi f'nofs l-esedra. Jekk titla' żewġ tarġiet, tiġi f'mogħdija. Iż-żewġ ġebliet li hemm wieqfa ma' idek il-leminija int u għaddej mill-mogħdija, fihom graffiti ta' mriekeb tal-baħar. Fuq l-aħħar waħda minn dawn iż-żewġ ġebliet, fuq in-naħa ta' ġewwa hekk kif tinżel tarġa u toħroġ mill-mogħdija,

tara żewġ toqbiet n-naħa ta' fuq jinfdu ma' xulxin, u żewġ toqbiet oħra jinfdu ma' xulxin in-naħa t'isfel. Bħalhom, ma jistax jonqos, kien hemm in-naħa l-oħra tal-mogħdija, u minnhom kienu jaqflu din it-taqsima tat-tempju.

Il-ħitan ta' din it-taqsima, li hi mibnija sura ta' nofs qamar, instabu mħarbtin, u reġgħu tellgħuhom b'ġebel żgħir. L-art hi ċċangata, u f'nofs it-taqsima, mal-ħajt, fejn l-art hi mniżżla tara li kien hemm bini ta' xi ħaġa.

Fl-art tara għadd ta' ġebliet imżejnin b'rilievi sbieħ tassew. Waħda mill-ġebliet għandha frież magħmul minn żewġ ringieli fuq xulxin ta' ħdax-il ħlejqa li aktarx huma bdabad. Fuq ġebla oħra tara rilievi ta' muntun, ħanżir u bodbod. Din il-ġebla aktarx li kellha seħbitha.

Max-xellug tiegħek kif tkun sejjer toħroġ minn din it-taqsima, tara żewġ pilastri tal-ġebel weqfin. Fin-naħa tagħhom ta' fuq għandhom imħaffra daħla. Instabu mitfugħin fl-art f'nofs it-taqsima. Aktarx li mkienhom hu f'nofs it-taqsima, mal-ħajt, fejn l-art hi mniżżla. U aktarx li n-naħa tagħhom t'isfel hi dik li l-lum hi n-naħa ta' fuq, hekk li fejn għandhom imħaffra daħla setgħet tidħol il-ġebla li għandha riliev magħmul minn żewġ ringieli bdabad. Bejn dawn il-pilastri aktarx li kien hemm armarju tal-ġebel, bħalma tara f'imkejjen oħra tat-tempji, u fejn kienu jerfgħu qrun ta' bhejjem u fuħħar.

Qabel toħroġ minn din it-taqsima u tmur f'dik ta' biswitha, kun af li l-ġebel kollu li rajt u li sejjer tara minqux b'rilievi ta' sura jew ta' oħra f'dan it-tempju t'isfel, huma magħmulin fuq li kien hemm, għaliex dawn, biex jitħarsu aħjar, uħud ħaduhom fil-mużew tal-Belt, u oħrajn qegħduhom fil-mużew tat-tempji ta' Ħal Tarxien.

Issa erġa' oħroġ għall-bitħa, ħalli tara l-ewwel taqsima li kienet fuq idek il-leminija hekk kif dħalt fit-tempju.

L-ewwel ma tolqtok f'din it-taqsima hi n-naħa t'isfel ta' statwa kbira tassew, u li hi magħrufa bħala **l-fertility goddess.** Ġnus kbar, bħalma kienu l-Griegi u r-Rumani, kien għad fadlilhom mijiet ta' snin biex jidħlu għal statwi ta' dak il-kobor. Dik li qed tara hi magħmula fuq li kien hemm, u li qiegħda fil-mużew tal-Belt. Din hi tal-ġebel, u n-naħa tagħha tal-lemin hi aktar nieqsa minn dik ta' Ħal Tarxien.

Bejn l-istatwa u l-ħajt tat-taqsima mibnija sura ta' nofs qamar, hemm fl-art mimduda ġebla kbira u oħra żgħira quddiemha. It-tnejn huma minquxin b'rilievi, u t-tnejn saru fuq li kien hemm u li qegħdin fil-mużew tal-Belt. Jekk tmur fil-mużew tal-Belt tara li l-ġebla l-kbira, min-naħa tagħha ta' fejn kienet tmiss mal-ħajt, hi mżejna b'tinqix ta' toqob żgħar qishom xeħda tan-naħal. Dan hu eqdem mir-rilievi li l-ġebla għandha minn quddiem, u għalhekk, biex għamluh, il-ġebla qalgħuha u dawruha hekk li t-tinqix sura ta' xeħda tan-naħal ma kienx jidher sakemm il-ġebla qalgħuha biex ħaduha fil-mużew.

Meta toħroġ mit-taqsima u terġa' għall-bitħa, ħares lejn iż żewġ imwejjed qishom altari li hemm fuq kull naħa tad-daħla għall-aħħar taqsimiet tat-tempju. Huma mwejjed magħmulin fuq li kien hemm, u li qegħdin it-tnejn fil-mużew tal-Belt.

Il-mejda ta' fuq idek ix-xellugija hi minquxa sabiħ. Dik ta' fuq idek il-leminja għandha trilithon b'tieqa ġo fih. Mit-tieqa kienu jitfgħu qran u għadam maħruq ta' bhejjem maqtula. Din l-aħħar mejda fil-quddiem tagħha għandha lunette tal-ġebel, tinfetaħ u tingħalaq. Hemm ġew instabet sikkina taż-żnied li biha kienu joqtlu l-bhejjem għal ħruq. Qiegħda fil-Mużew tal-Belt.

(*Jissokkta f'ħarġa oħra*)